

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 323/2009****tal-20 ta' April 2009****li jdaħħal ċerti denominazzjonijiet fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Wielkopolski ser smażony (IĠP), Budapesti téliszalámi (IĠP))**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet tal-orġini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup> [traduzzjoni mhux uffiċjali], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba mressqa mill-Polonja għall-introduzzjoni tad-denominazzjoni "Wielkopolski ser smażony" u t-talba tal-Ungerija

għall-introduzzjoni tad-denominazzjoni "Budapesti téliszalámi" ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>.

- (2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, dawn id-denominazzjonijiet għandhom ikunu rreġistrati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjonijiet li jidhru fl-Anness għal dan ir-Regolament huma b'dan irreġistrati.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membre tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

<sup>(2)</sup> ĠU C 202, 8.8.2008, p. 23 (Wielkopolski ser smażony), ĠU C 206, 13.8.2008, p. 16 (Budapesti téliszalámi).

## ANNEX

Prodotti agricoli għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

**Klassi 1.2. Prodotti abbażi tal-laħam (imsajjar, immellaħ, iffumigat, eċċ.)**

L-UNGHERIJA

Budapesti téliszalámi (IĠP)

**Klassi 1.3. Ġobnijiet**

IL-POLONJA

Wielkopolski ser smażony (IĠP)

---